Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Numru 664/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**

v

**ADRIAN STIVALA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ADRIAN STIVALA** ta' erbgha w tletin sena bin Vincent u Mary nee Zerafa, imwieled B'Kara nhar l-ewwel ta' Novembru 1971 u residenti 'Franstan Court', Flat 5, Triq Santa Marija, Sliema, detentur tal-karta tal-identita` numru 51187M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2005, u fil-jiem u gimgha ta' qabel f'Tas Sliema, u f'partijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kienetx persuna ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol.

**Comment [s1]:** Wieled San Giljan nhar t-tnejbnt a' Fra4r

Talli bhala l-persuna responsabbli ta' xoghol li kien qed isir f'Tas Sliema, u nhawi ohra f'Malta, mpjiega persuna li ma kienetx cittadina ta' Malta meta din il-persuna ma kellhiex permess validu w ufficjali.

Talli fl-istess cirkostanzi, bhala principal jew il-persuna li timpjiega persuni ohra full time, part time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lil Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-imputat kif hemm vl-Avviz Legali numru 110 tas-sena 1993 [3A sa 10].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbatax ta' Ottubru 2005 [fol 21] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali fis-seduta ta' nhar t-tnejn ta' Novembru 2005 [fol 22].
Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-kawza fis-seduta ta' nhar l-erbatax ta' Novembru 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-dsatax ta' Settembru 2005 **xehed l-Ispettur Daniel Zammit** [fol 9] fejn qal li fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2005, ghal habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija kien gie rappurtat l-Ghassa ta' Tas Sliema minn certu Herbert Debattista u John Calleja bhala Ufficjali tal-ETC, li waqt li kienu qed jaghmlu spezzjoni fl-istabbiliment maghruf bhala 'Black Gold Pub', The Strand, Sliema, sabu tfajla ta' nazzjonalita Ukraina li jisimha Natalia Utnenko tahdem hemm minghajr permess.

Sussegwentement din ittiehdet l-Ghassa w irrizulta li din kellha l-Visa taghha tajba u qaltilhom li kienet l-ewwel gurnata tax-xoghol taghha hemmhekk peress li kellha xi nkwiet mal-boyfriend taghha. Qal li sussegwentement ghadda lil din il-persuna lil Pulizija tal-Immigration.

Qal li l-imputat kien gie mitkellem mis-Surgent fejn dan kien qal li dik kienet l-ewwel gurnata tax-xoghol ta' Natalia Utnenko dakinhar li nstabet hemmhekk. L-imputat allegatament qallu wkoll li kienet marret ghal habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar fil-bar imsemmi biex jaghtuha xi xoghol, hu kien accetta pero ma kienx ghadu taha ebda paga.

Illi nhar d-dsatax ta' Settembru 2005 **xehed Herbert Debattista** [fol 14] fejn qal li fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2005, hu bhala Ufficjal tal-ETC, kien mar jaghmel spezzjoni fl-istabbiliment 'Black Gold Pub', The Strand, Sliema fejn hemm sab tfajla ta' nazzjonalita Ukraina li jisimha Natalia Utnenko, li kienet wara l-bar u kif ratu harget, daret minn wara u meta staqsiha x'kienet qed taghmel hemm, qaltlu li kienet qed tghin hemmhekk. Qal li din qaltlu wkoll li dakinhar stess kellha titlaq lejn pajjizha. Qal li l-imghallem taghha kien qallu l-istess kliem li kienet qaltlu hi pero qatt ma ammetta mieghu li kien qed ihaddimha.

Illi nhar d-dsatax ta' Settembru 2005 **xehed John Calleja** [fol 16] fejn qal li fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2005, hu bhala Ufficjal tal-ETC, ghal habta tad-disgha ta' bil-lejl kien mar jaghmel spezzjoni fl-istabbiliment 'Black Gold Pub', The Strand, Sliema flimkien ma Herbert Debattista, wkoll Ufficjal tal-ETC, fejn hemm sabu tfajla ta' nazzjonalita Ukraina li jisimha Natalia Utnenko, li kienet wara l-bar. Qal li hu ra hemmhekk pero ma kellimhiex. Qal li fil-fond in kwistjoni kien hemm l-imptuat li gharaf presenti fl-awla, pero hu lanqas ma kellem lil imputat.

Illi nhar t-tnejn ta' Novembru 2005 **xehed Alexander Fenech** [fol 23] fejn qal li hu kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tad-Direttur tal-Ufficju tal-Expatriates. Qal li minn ricerka li ghamel fuq isem tfajla Ukraina bl-isem ta' Natalia Utnenko, b'numru ta' passaport A8721712 din qatt ma kellha permess biex tahdem hawn Malta.

Illi nhar t-tnejn ta' Novembru 2005 **xehed PS 245 Keith Arnaud** [fol 25] fejn qal li fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar

2005, hu kien stazzjonat l-Ghassa Tas Sliema w ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija kien mar jaghmel rapport certu Herbert Debattista, bhala Ufficjal tal-ETC, li kien mar jaghmel spezzjoni fl-istabbiliment 'Black Gold Pub', The Strand, Sliema fejn hemm sab tfajla ta' nazzjonalita Ukraina, tahdem wara l-bar minghajr ma kellha permess biex taghmel xoghol Malta. Qal li tkellem ma din t-tfajla li rrizulta li kien jisimha Natalia Utnenko, li fejn din qaltlu li kellha l-viza taghha tajba pero ma kellhiex working permit. Qal li qatlu wkoll li kellha biljett biex titlaq lura pajjizha t-Tnejn ta' wara u li dakinhar kienet l-ewwel gurnata tax-xoghol taghha hemmhekk. Qal li qaltlu wkoll li hi kellha xi tghid mal-gharus taghha ta' nazzjonalita Maltija u minflok li qaghdet d-dar mieghu, marret tfittex ix-xoghol ghal l-ahhar tlett ijiem li kien fadilha hawn Malta. Qal li hu tkellem ma l-imputat dak l-hin stess fl-imsemmi stabbiliment fejn ikkonferma li dik kienet l-ewwel gurnata tax-xoghol ta' din t-tfajla u li kienet ilha hemmhekk mill-hamsa w nofs ta' filghaxija ta' dakinhar stess, meta kienet marret titolbu ghax-xoghol.

Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien accettaha pero kien ghadu ma ta ebda paga. Qal li sussegwentement hu kien mar fir-residenza ta' Natalia Utnenko fi Triq Luqa Briffa, l-Gzira fejn gie moghti l-passaport taghha u l-biljett fejn kienet ser titlaq t-Tnejn ta' wara. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument S [fol 11]. Zied jghid li hu kien mar jaghmel tali spezzjoni wara li kien gie mgharraf minn Herbert Debattista li din il-persuna kienet qed tahdem fl-imsemmi hanut u kien l-istess Herbert Debattista li sabha tahdem hemmhekk. Hu ma kienx sabha tahdem hemm. Qal li meta tkellem mal-imputat hu ma kienx tah l-warning li setgha ma jwegbix ghal dak li kien ser jistaqsih.

Illi nhar l-erbatax ta' Novembru 2005 **xehed l-imputat Adrian Stivala minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 29] fejn qal li hu barman fl-istabbiliment 'Black Gold Saloon' ta' Tas Sliema. Qal li jiftakar li ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija jew t-tmienja kienu marru xi spetturi tal-ETC u sabu xi Russa wara l-bar. Qal li hi kienet ilha hemmhekk xi ghoxrin minuta jew nofs siegha. Qal li dawn kienu

staqsewh ghal xi dokumenti dwarha, w hi qaltilhom li kienet tidher bhala visitor w ghalhekk cemplu lil Pulizija. Qal li din r-Russa kienet wara l-bar peress li kienet staqsietu ghal CD partikolari w ghalhekk kien qalilha tmur u taghzilha hi stess minn wara l-bar. Ftakar li kien hemm okkazzjoni ohra li din r-Russa kienet marret hemmhekk, xi gimgha qabel u kienet ma ragel. Cahad li hu qal lil ufficjali tal-ETC li kienet impjegata mieghu bhala prova. Qal li l-ufficjali damu hemm xi hames minuti biss.

Ikkunsidrat:

Illi hafna mill-provi prodotti huma *hear say evidence* u konsegwentement ma jikkostitwux prova ammissibbli fil-ligi.

Dak li qal l-ispettur tal-ETC fuq dak li qallu s-Surgent huwa kollu *hear say evidence* u ser jigi skartat molto piu meta tqis li l-kliem li gie rappurtat, mhux l-istess kliem li qal s-Surgent. Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li l-ispettur jghid li s-Surgent qallu li kienet qed tahdem fl-istabbiliment ‘Black Gold Pub’, s-Surgent jghid li kien l-ufficjal tal-ETC li qallu li Natalia Utnenko kienet qed tahdem hemm.

Jirrizulta wkoll li Herbert Debattista kfi wkoll John Calleja jghidu li rawha wara l-bar. John Calleja pero jghid li ma kellimhiex filwaqt li Herbert Debattista jghid li d-djalogu ma kienx car ghaliex hi titkellem bir-Russu u ma tantx fehmha. Herbert Debattista pero jghid li l-imputat qatt m’ammetta mieghu li kien taha xi mpjieg. Herbert Debattista fil-fatt qatt ma jghid li ra lil Natalia Utnenko tahdem.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li Natalia Utnenko ma kellhiex permess biex tahdem hawn Malta pero taht l-ebda cirkostanzi ma ppruvat li fil-fatt kienet qed tahdem fl-istabbiliment ‘Black Gold Pub’.

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 17 u 18 tal-Kap 217, l-artikoli 20, 23, 30 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Avviz Legali numru 110 tas-sena 1993 [3A sa 10] **tiddikjara li ma**

**ssibx lil imputat ADRIAN STIVALA hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------